TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Daniel Mifsud**

**Vs**

**Gasan Zammit Motors Ltd**

CCT 30/23/CC

Illum 30 ta' Mejju, 2023

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fil-15 ta' Frar 2023, fejn huwa talab ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €415 (erba' mija u hmistax-il ewro) rapprezentanti parti minn ammont imhallas minnu ghal tiswijiet ezegwiti fil-vettura tieghu, liema vettura giet akkwistata minghand is-socjeta intimata.

Ra li s-socjeta intimata Gasan Zammit Motors Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentat l-ebda risposta u ghalhekk hija fi stat ta' kontumacja. Fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2023 deheret rapprezentant tas-socjeta intimata, li ma ggustifikatx l-istat ta' kontumacja, u ghalhekk fic-cirkostanzi, ma setghetx tavvanza provi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lir-rikorrenti u lil Maria Dolores Mifsud jixhdu bil-gurament fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li f'Lulju 2019 r-rikorrenti xtara vettura gdida 'Ford Ka Active' minghand is-socjeta intimata, ghal prezz ta'€17,000 (sbatax-il elf ewro).

Illi jirrizulta li in segwitu ghal bejgh din il-vettura zviluppat hsara fic-cavetta, li giet debitament irrangata da parti tas-socjeta intimata. Wara madwar sentejn u nofs din il-vettura zviluppat hsara ulterjuri fil-magna, fejn bdiet tieqaf waqt is-sewqan, u ghal darb'ohra r-rikorrenti avvicina lis-socjeta intimata sabiex din il-hsara tissolva.

Illi jirrizulta li b'referenza ghal din il-hsara, r-rikorrenti gie nfurmat li huwa ghandu madwar €1,300 (elf u tlett mitt ewro) bhala spejjez. Wara diversi xhur li l-vettura kienet ghat-tiswija, r-rikorrenti hallas il-hsara li ammontat ghas-somma ta'€812.98c (tmien mija u tnax-il ewro, u tmienja u disghin centezmu), u permezz ta' din l-istanza qed jitlob rifuzjoni parzjali ta' l-ammont imhallas minnu, u cioe ta' €415 (erba' mija u hmistax- il ewro). Ir-rikorrenti jispjega wkoll li sussegwentment ghal din il-hsara li huwa hallas, l-vettura tieghu regghet zviluppat hsara ohra fil-hgiega tal-bieba, pero' ma avvicinax lis-socjeta intimata, peress li wara dak li ghadda minnu, ma hassx li kellu javvicina lis-socjeta intimata sabiex tirrimedja l-hsara li zviluppat fil-hgiega tal-bieba tal-vettura tieghu.

Illi fis-seduta appuntata ghal provi dehret rapprezentanta tas-socjeta intimata, li in vista ta' l-istat ta' kontumacja, ma setghetx tavvanza provi. Ghaldaqstant il-versjoni pprezentata mir-rikorrent ma hija bl-ebda mod kontradetta.

Illi inoltre t-Tribunal jinnota ulterjorment d-dokumentazzjoni dettaljata pprezentata mir-rikorrenti, fejn il-versjoni tal-fatti tar-rikorrent hija ikkorraborata min tali dokumentazzjoni.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrent irnexxielu jipprova l-istanza tieghu sal-grand rikjest mill-Ligi, u t-talba ghar-rifuzjoni in parte ta' l-ammont imhallas minnu hija wahda gustifikata fic-cirkostanzi tal-kaz. Ghaldaqstant it-Talba avvanzata mir-rikorrenti ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrenti, u jordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' €415 (erba 'mija u hmistax-il ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru